**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2015/0302M(NLE)**

22.11.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sħubija u Żvilupp bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan, min-naħa l-oħra
(2015/0302M(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Frank Engel



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-Afganistan huwa wieħed mill-akbar benefiċjarji tal-għajnuna għall-iżvilupp fid-dinja u li l-istituzzjonijiet tal-UE impenjaw EUR 3.6 biljun f'għajnuna lill-pajjiż bejn l-2002 u l-2016; jiddispjaċih dwar il-fatt li l-proporzjon ta' Afgani li jgħixu fil-faqar żdied minn 38 % (2012) għal 55 % (2017) u jenfasizza l-fatt li l-pajjiż irreġistra tkabbir bil-mod mill-2014 bl-użu tal-forzi tas-sigurtà internazzjonali, it-tnaqqis riżultanti f'għotjiet internazzjonali, u sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tmur għall-agħar;

2. Jirrikonoxxi li dan it-treġġigħ lura reċenti fil-progress tal-iżvilupp huwa dovut l-aktar għall-intensifikazzjoni ta' vjolenza u kunflitt fit-tul; jenfasizza li s-sena 2018 qiegħda fit-triq it-tajba biex tkun l-aktar sena qattiela li fiha jgħixu persuni ċivili, u jiddeplora s-serje ta' attakki u qtil qabel l-elezzjonijiet parlamentari ta' Ottubru 2018, li ħakmu l-ħajja ta' ħafna persuni ċivili u għaxar kandidati li qed jikkontestaw l-elezzjoni; jenfasizza l-fatt li l-ispostament intern, il-wasla ta' persuni rimpatrijati mir-reġjun tal-madwar – inklużi 500 000 Afgan mhux dokumentat mill-bidu tas-sena, wara trażżin fl-Iran – u minn Stati Membri tal-UE, kif ukoll fatturi klimatiċi, bħal nixfa kontinwa, kollha wasslu għal deterjorament tas-sitwazzjoni umanitarja; jinnota bi tħassib li huwa diffiċli li jitwettqu l-attivitajiet ta' riintegrazzjoni, iffinanzjati permezz tal-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE, minħabba s-sitwazzjoni umanitarja u tas-sigurtà kurrenti tal-pajjiż;

3. Jenfasizza l-fatt li skont l-Uffiċċju tan-NU għall-Koordinazzjoni tal-Affarijiet Umanitarji (OCHA), 5.5 miljun ruħ huma fil-bżonn ta' għajnuna umanitarja fl-Afganistan, inklużi persuni spustati internament wara kunflitt jew nixfa, u jenfasizza li n-nixfa wasslet għall-ispostament sfurzat ta' aktar minn 250 000 persuna fit-Tramuntana u l-Punent tal-pajjiż; jinnota li l-Pjan ta' Rispons Umanitarju huwa ffinanzjat 33.5 % biss u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha, għalhekk, iżidu l-isforzi kollha tagħhom biex jindirizzaw l-isfidi umanitarji ewlenin u l-ħtiġijiet umani u jagħtu attenzjoni partikolari lil persuni vulnerabbli, inklużi dawk li jinsabu f'żoni li huma diffiċli li jintlaħqu;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati b'mod komprensiv l-isfidi umanitarji, ta' żvilupp u ta' sigurtà, inkluż permezz ta' azzjonijiet sistemiċi iktar fit-tul, u jintużaw aħjar ir-relazzjonijiet ta' bejniethom; jinsisti li l-paċifikazzjoni tal-pajjiż , il-qerda tal-faqar, u l-appoġġ għall-ġlieda kontra t-Taliban, in-normalizzazzjoni tal-funzjonament tal-istat u l-istituzzjonijiet tiegħu, u l-espansjoni tas-servizzi soċjali bażiċi bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni huma prerekwiżiti indispensabbli għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku fl-Afganistan;

5. Jilqa' l-Qafas Nazzjonali għall-Paċi u l-Iżvilupp fl-Afganistan (ANPDF) tal-2016 u l-Qafas ta' Awtodipendenza permezz tal-Qafas ta' Responsabilità Reċiproka (SMAF) adottat mill-Gvern Afgan; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jappoġġjaw, permezz tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp (CAPD), prijoritajiet ta' żvilupp li jappartjenu lill-Afgani f'konformità mal-prinċipji tal-effettività tal-iżvilupp;

6. Ifakkar fl-impenn tal-UE li tikseb l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u b'mod

partikolari li teqred il-faqar, billi tiffoka l-isforzi tagħha f'oqsma fejn hija żżid l-aktar valur, u billi tirrispetta l-prinċipji tal-effiċjenza u l-effikaċja tal-għajnuna u tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD); jenfasizza l-ħtieġa li jitkompla l-finanzjament tal-għajnuna għall-iżvilupp ibbażata fuq il-ħtiġijiet għall-Afganistan u li jkun hemm enfasi fuq il-qerda tal-faqar u tal-ġuħ b'mod partikolari, l-indirizzar ta' vulnerabilitajiet bħal nuqqas kbir ta' sigurtà tal-ikel u malnutrizzjoni kronika, u l-ġestjoni tal-ilma; jenfasizza l-ħtieġa li jibqa' impenjat favur l-appoġġ tal-gvern biex jiżdied l-aċċess għas-servizzi bażiċi kollha, bħall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, b'enfasi fuq l-iżgurar tal-kura tas-saħħa għal persuni vulnerabbli inklużi n-nisa, il-bniet u t-tfal, kif ukoll l-indirizzar tad-diżabilità u l-kura tas-saħħa mentali; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSOs) jista' jkollhom rwol essenzjali fl-eżerċitar tal-kontroll soċjali meħtieġ għall-verifika tal-provvista tajba tas-servizzi pubbliċi;

7. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-referenza għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent fil-CAPD, peress li l-ekonomiji rurali u l-agrikoltura bħalissa jikkostitwixxu s-sors ewlieni ta' ħolqien ta' impjiegi; jistieden lill-UE żżid l-interventi tagħha f'dan il-qasam sabiex ittejjeb is-sigurtà alimentari u nutrizzjonali, l-għajxien u l-impjiegi rurali, inkluża l-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt ta' perikli naturali u t-tibdil fil-klima fuq bdiewa żgħar;

8. Jilqa' b'sodisfazzjon il-pożizzjoni prominenti ħafna mogħtija lill-ugwaljanza bejn is-sessi u l-politiki relatati fil-Ftehim, u l-fokus qawwi tiegħu fuq l-iżvilupp tas-soċjetà ċivili; jistieden lill-UE tkompli tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel, u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, permezz tal-isforzi tagħha għall-iżvilupp, filwaqt li żżomm f'moħħha li t-tibdil fl-attitudnijiet tas-soċjetà lejn ir-rwol soċjoekonomiku tan-nisa jappella għal miżuri korrispondenti fis-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u r-riforma tal-qafas regolatorju;

9. Jilqa' l-istrateġija nazzjonali Afgana għall-ġestjoni tar-ritorn, iżda jiġbed l-attenzjoni lejn il-ħtieġa għal monitoraġġ kontinwu għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' salvagwardji għar-riintegrazzjoni taċ-ċittadini Afgani, speċjalment it-tfal, li għandhom jiġu garantiti aċċess għall-edukazzjoni primarja u sekondarja; jiddispjaċih dwar il-fatt li minkejja l-Artikolu 28(4) tal-CAPD, li jiddikjara li l-Partijiet għandhom jikkonkludu ftehim ta' riammissjoni, ma ntlaħaq l-ebda ftehim formali, iżda wieħed informali – it-Triq Konġunta 'l Quddiem; iqis li huwa importanti li kwalunkwe ftehim dwar ir-riammissjoni għandu jiġi fformalizzat biex tiġi żgurata r-responsabilità demokratika; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' sorveljanza parlamentari u kontroll demokratiku dwar il-konklużjoni tat-Triq Konġunta 'l Quddiem u jenfasizza l-importanza li jitwettaq djalogu kontinwu mal-atturi rilevanti sabiex tinstab soluzzjoni sostenibbli dwar id-dimensjoni reġjonali tal-kwistjoni tar-rifuġjati Afgani;

10. Jenfasizza li l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE lill-Afganistan ma għandhiex titqies esklużivament mill-perspettiva tal-migrazzjoni u l-objettivi tal-ġestjoni tal-fruntieri, u jqis li l-għajnuna għall-iżvilupp għandha tindirizza l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni b'mod effettiv;

11. Jilqa' l-Kuntratt għall-Bini tal-Istat (SBC) bejn l-UE u l-Afganistan (appoġġ baġitarju), iffirmat fl-2016, peress li jista' jsaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-gvern u s-sjieda tagħhom tal-

politiki tal-iżvilupp; jinnota li l-SBC huwa ispirat minn rieżami ġenerali pożittiv tal-progress li sar mill-Afganistan dwar oqsma ewlenin ta' riforma; jenfasizza li r-riżorsi jridu jintużaw b'mod effikaċi u jiġu mmonitorjati sistematikament biex jipprevjenu l-użu ħażin; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-Parlament infurmat b'mod regolari dwar l-implimentazzjoni tal-SBC u jenfasizza li tali sejbiet għandhom jintużaw biex tiġi ppreparata l-kontinwazzjoni tal-operazzjoni ta' appoġġ baġitarju għall-perjodu 2018-2021.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar is-Sħubija u l-Iżvilupp bejn l-UE u r-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan |
| **Referenzi** | 2015/0302M(NLE) |
| **Kumitat responsabbli** | AFET |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Frank Engel<br>23.5.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 9.10.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 20.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 14<br>–: 0<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Mireille D'Ornano, Enrique Guerrero Salom, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Arne Lietz, Linda McAvan, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Eleni Theocharous, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Thierry Cornillet, Stefan Gehrold, Bernd Lucke, Adam Szejnfeld |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 14 | + |
|---|---|
| ALDE | Thierry Cornillet |
| ECR | Bernd Lucke |
| EFDD | Mireille D'Ornano |
| PPE | Stefan Gehrold, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Maurice Ponga, Cristian Dan Preda, Adam Szejnfeld, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| S&D | Enrique Guerrero Salom, Arne Lietz, Linda McAvan, Elly Schlein |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 3 | 0 |
|---|---|
| ECR | Eleni Theocharous |
| GUE/NGL | Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni